III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA DEĊIŻJONI DELEGATA Nru 049/22/COL

tad-9 ta' Frar 2022

li jingħataw tliet derogi mitluba mill-Prinċipat tal-Liechtenstein fir-rigward tal-Artikolu 30, l-Artikolu 36(2) u l-Punt 1.1.3.6.3. l-ittra b tal-Anness 5 tal-Ordinanza tal-Liechtenstein tat-3 ta' Marzu 1998 dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluż bit-triq ibbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż [2022/1984]

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 13c fil-Kapitolu I tal-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE,

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluż ("id-Direttiva"),

kif emendata u kif adattata għall-Ftehim ŻEE mill-punt 4(d) tal-Protokoll 1 tiegħu u b'kunsiderazzjoni tal-Artikoli 5(2)(d) tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti u l-Artikoli 1(1)(c), 1(2) u l-Artikolu 3 tal-Protokoll 1 tiegħu, b'mod partikolari l-Artikoli 6 u 9 tad-Direttiva,

Wara li kkunsidrat d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nru 3/12/SC u 4/12/SC,

Billi:

1. **PROĊEDURA**

Il-Gvern tal-Liechtenstein, b'ittra lill-Awtorità tal-20 ta' Diċembru 2013, ([1]) għamel rikjesta għal erba' derogi fuq il-bażi tal-Artikoli 6(2)(a) tad-Direttiva. Id-derogi kif mitluba mil-Liechtenstein ġew stabbiliti fl-Artikolu 29, l-Artikolu 30, l-Artikolu 36 u fl-Anness 5 tal-Ordinanza tat-3 ta' Marzu 1998 dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluż bit-triq (LR 741.621, kif emendata l-aħħar) ([2]) ("l-Ordinanza").

Biex tgħinha f'din il-valutazzjoni, l-Awtorità kkummissjonat lil DNV GL AS ("DNV") biex tivvaluta jekk id-derogi mitluba jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva, b'enfasi fuq kwalunkwe riskju potenzjali jew reali li jirriżulta mid-derogi, jekk id-derogi jwasslux għal inqas sikurezza, aktar jew ugwali, u fuq l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni possibbli ([3]).

Wara li vvalutat id-derogi mitluba mil-Liechtenstein, l-Awtorità kkonkludiet li d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 30, l-Artikolu 36 fl-Anness 5 tal-Ordinanza biss jikkwalifikaw bħala derogi skont it-tifsira tal-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva, filwaqt li l-Artikolu 29 tal-Ordinanza, dwar l-isplussivi f'pakketti tat-trasport li jkunu nfetħu, ma jikkwalifikax bħala deroga.

([1]) Dok Nru 694300.
([2]) *Verordnung über den Transport gefährlicher Güter auf der Strasse* - VTGGS
([3]) Dok Nru 709161.

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA, l-Awtorità adottat id-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 30/15/COL, li tawtorizza derogi għat-tliet dispożizzjonijiet kwalifikanti. Din l-awtorizzazzjoni kienet valida għal perjodu ta' sitt snin mis-27 ta' Jannar 2015.

Permezz ta' ittra datata t-8 ta' Marzu 2021 ([4]), il-Gvern tal-Liechtenstein talab awtorizzazzjoni għal derogi skont l-Ordinanza, li huma stabbiliti fl-Artikolu 30, l-Artikolu 36, il-paragrafu 2 u l-Kapitolu 1.1.3.6, il-punt b tal-Anness 5 tal-Ordinanza u jikkorrispondu għad-deroga awtorizzata mill-Awtorità bid-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 30/15/COL. Id-derogi jikkonċernaw it-trasport ta' splussivi, l-impriżi li jispezzjonaw it-tankijiet, it-taħriġ speċjali tas-sewwieqa u t-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni, rispettivament.

Skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva, jekk Stat taż-ŻEE-EFTA jitlob estensjoni ta' deroga awtorizzata, l-Awtorità għandha tirrevedi t-talba. Jekk ma tkun ġiet adottata l-ebda emenda tal-Anness I, it-Taqsima I.1, tal-Anness II, it-Taqsima II.1, jew tal-Anness III, it-Taqsima III.1, li taffettwa s-suġġett tad-deroga, l-Awtorità, filwaqt li taġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 9(2), għandha ġġedded l-awtorizzazzjoni għal perjodu ieħor li ma jaqbiżx is-sitt snin mid-data tal-awtorizzazzjoni, liema perjodu għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-awtorizzazzjoni.

Peress li t-talba mil-Liechtenstein tressqet wara d-data ta' skadenza msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 30/15/COL, l-Artikolu 6(4) mhuwiex applikabbli anki jekk it-talba tkun identika fis-sustanza għal dik awtorizzata mill-Awtorità b'dik id-Deċiżjoni. It-talba għandha għalhekk tiġi evalwata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva. Madankollu, l-informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 30/15/COL għadha rilevanti għal din il-valutazzjoni, bħall-valutazzjoni tar-riskju mwettqa minn DNV.

2. **VALUTAZZJONI**

L-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva jistipula li "*[m]eta ma tiġix kompromessa s-sikurezza, l-Istati [taż-ŻEE] jistgħu jitolbu derogi mill-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1 u l-Anness III, it-Taqsima III.1, għat-trasport fit-territorji tagħhom ta' kwantitajiet żgħar ta' ċerti oġġetti perikoluży, bl-eċċezzjoni ta' sustanzi li jkollhom livell medju jew għoli ta' radjuattività, sakemm il-kundizzjonijiet għal dan it-trasport ma jkunux aktar stretti mill-kundizzjonijiet stipulati f'dawk l-Annessi.*"

Skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, id-derogi għandhom ikunu validi għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt snin mid-data tal-awtorizzazzjoni, liema perjodu għandu jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-awtorizzazzjoni.

Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva, u kif preskritt aktar fid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nru 3/2012/SC u 4/2012/SC, l-Awtorità għandha tissottometti abbozz tad-Deċiżjoni li għandu jittieħed lill-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA. Il-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti Nru 3/2012/SC.

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva, it-trasport ta' oġġetti perikoluży bit-triq għandu jiġi awtorizzat "soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I, it-Taqsima I.1, l-Anness II, it-Taqsima II.1, u l-Anness III, it-Taqsima III.1".

L-Anness I, it-Taqsima I.1 tad-Direttiva fih dispożizzjonijiet dwar l-applikabbiltà tal-Annessi A u B tal-ADR ([5]).

L-Anness A huwa maqsum f'seba' partijiet. Il-Parti 1 fiha dispożizzjonijiet ġenerali, filwaqt li l-parti 2 u l-parti 3 jikklassifikaw u jelenkaw oġġetti perikoluży. Il-parti 4 tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-imballaġġ u l-użu ta' tankijiet portabbli, il-parti 5 tistabbilixxi l-proċeduri ta' konsenja, il-parti 6 tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni u l-ittestjar tal-imballaġġ, u l-parti 7 tistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-ġarr, it-tagħbija, il-ħatt u l-immaniġġjar.

([4]) Nru tad-Dokument 1185764.

([5]) Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży bit-Triq, konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, kif emendat.

L-Anness B, il-parti 8 jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ekwipaġġi, it-tagħmir, it-tħaddim u d-dokumentazzjoni tal-vetturi, u l-parti 9 tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-kostruzzjoni u l-approvazzjoni tal-vetturi li jġorru oġġetti perikolużi.

Id-derogi mitluba huma identiċi għal dawk awtorizzati mill-Awtorità fl-2015. Barra minn hekk, il-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati mil-Liechtenstein għadhom fis-seħħ. L-awtorità, għalhekk, tikkonkludi li d-derogi jistgħu jiġu vvalutati b'mod suffiċjenti abbażi tal-informazzjoni ppreżentata fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kulleġġ 30/15/COL, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa minn DNV.

2.1. **L-Artikolu 30 tal-VTGGS**

Fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Marzu 2021, il-Gvern tal-Liechtenstein iddeskriva d-deroga bil-mod li ġej:

L-Artikolu 30, il-para. 1, il-punt b tal-VTGGS jippermetti devjazzjoni fir-rigward tat-tikkettar tat-trasportatur. It-tikketti oranġjo fuq quddiem u fuq wara tat-trasportatur għandhom jikkorrispondu mal-Kapitolu 5.3.2.1.1 tal-ADR, iżda m'għandhomx għalfejn ikollhom in-numru ta' identifikazzjoni tal-periklu.

L-Artikolu 30, il-para. 1, il-punt c tal-VTGGS jeżonera lis-sewwieq mir-rekwiżiti ta' taħriġ speċjali previsti mill-Kapitolu 8.2 tal-ADR. Is-sewwieq, madankollu, jeħtieġ li jkun fil-pussess tat-taħriġ għall-impriżi ta' spezzjoni tat-tankijiet. Dan it-taħriġ huwa pprovdut mis-CITEC (l-Assoċjazzjoni Żvizzera għall-protezzjoni tal-ilmijiet u s-sigurtà tat-tankijiet) u jikkonsisti f'kors ta' tliet ġimgħat u kors ġdid kull ħames snin, li fihom ix-xufiera jkunu mħarrġa fl-aspetti rilevanti kollha tas-sigurtà u l-ambjent fir-rigward tat-tindif, l-ispezzjoni u t-tiswija tat-tankijiet. Dan iwassal għaċ-Ċertifikat ta' Speċjalista Federali fis-Sigurtà tat-Tankijiet ([6]).

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 30, il-para. 2 tal-VTGGS jipprevedi li t-tank u t-trasportatur tiegħu huma eżentati mill-kostruzzjoni, it-tagħmir u r-rekwiżiti ta' kontroll previsti fil-Kapitoli 4.3, 4.4, 6.8, 6.9 u 9.1 tal-ADR.

Fir-rapport tagħha, d-DNV ivvalutat jekk ir-riskju jiżdiedx wara aċċidenti li jistgħu jseħħu matul it-trasport fit-toroq pubbliċi, bħal fil-każ ta' kolliżjoni, sewqan off-road u l-iżlugar tat-tagħbija. Id-DNV waslet għall-konklużjoni li r-riskju ma jiżdiedx f'dawn is-sitwazzjonijiet sakemm is-sewwieqa jkollhom it-taħriġ speċifiku tas-CITEC.

2.2. **Artikolu 36, il-para. 2 tal-VTGGS**

Fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Marzu 2021, il-Gvern tal-Liechtenstein iddeskriva d-deroga bil-mod li ġej:

Din id-dispożizzjoni tippermetti t-trasport ta' oġġetti perikolużi li jappartjenu għall-klassi 1 tal-ADR (sustanzi splussivi u oġġetti splussivi) lil hinn mill-ammont liberu previst fil-Kapitolu 1.1.3.6 tal-ADR. Madankollu, dan huwa permess biss bil-kundizzjoni stretta li s-sewwieq ikollu liċenzja tal-isplussivi ("Sprengausweis"), u b'hekk gawda minn edukazzjoni speċjali mogħtija mill-esperti tal-isplussivi. It-taħriġ li jawtorizza persuna biex tirċievi tali liċenzja huwa taħriġ speċjalizzat għall-persuni li jimmaniġġjaw l-isplussivi, li jmur lil hinn mit-taħriġ tas-soltu dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi u jiżgura standard għoli ta' sikurezza. Barra minn hekk, dan it-trasport jista' jsir biss għal splussivi u oġġetti pirotekniċi li għalihom tkun ingħatat il-liċenzja msemmija hawn fuq.

Minħabba dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 36, il-para. 2 tal-VTGGS ma tikkompromettix is-sikurezza u l-Liechtenstein b'dan jixtieq jitlob deroga skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva.

Fir-rapport tiegħu, id-DNV ikkonkluda li r-riskju bid-deroga fis-seħħ mhux se jiżdied, sakemm il-liċenzja tal-BBT tkun ekwivalenti għat-taħriġ tal-ADR għas-sewwieqa.

([6]) *Spezialistin für Tanksicherheit mit eidgenössischem Fachausweis.*

2.3. **Kapitolu 1.1.3.6.3. il-punt b tal-Anness 5 tal-VTGGS**

Fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Marzu 2021, il-Gvern tal-Liechtenstein iddeskriva d-deroga bil-mod li ġej:

Din id-dispożizzjoni flimkien mal-Kapitolu 6.14 tittratta speċifikament it-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni ("Baustellentanks"), kunċett li l-ADR mhuwiex familjari miegħu.

It-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni huma kontenituri li jintużaw temporanjament fis-siti tal-kostruzzjoni sabiex jagħtu fjuwil lill-magni użati fis-sit. Dawn jikkonsistu f'tank intern u baċin tal-ġbir estern magħluq (ara 6.14.1.1 tal-Anness 5 tal-VTGGS). Dawn jitqiesu bħala l-aktar soluzzjoni sikura għal użu bħal dan.

It-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni b'daqs tal-volum sa 1 210 litri u li jġorru massimu ta' 1 150 litru jistgħu jiddevjaw minn ċerti regoli tal-ADR, iżda jistgħu jintużaw biss għall-ħżin u t-trasport tal-fjuwil diżil/żejt tat-tisħin UN 1202. Għandu jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6.8 tal-ADR, ħlief għal 6.8.2.1.3, 6.8.2.1.4 u minn 6.8.2.1.15 sa 6.8.2.1.23. Ir-rekwiżiti tal-kostruzzjoni u tal-ittestjar għal tankijiet bħal dawn huma previsti fil-Kapitolu 6.14.2 u 6.14.3 tal-Anness 5 tal-VTGGS. It-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni huma soġġetti għall-istandardizzazzjoni u l-ittestjar mill-awtorità li hija responsabbli wkoll għall-ittestjar skont l-ADR (l-Ispettorat Żvizzeru għall-oġġetti perikoluż, "Eidgenössisches Gefahrgutinspektorat"). L-Ispettorat jiżgura li jkun hemm konformità mal-karatteristiċi rilevanti kollha tas-sikurezza sabiex jiġi żgurat livell ta' sikurezza li jkun komparabbli mar-regoli tal-ADR.

Minħabba dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni prevista fil-Kapitolu 1.1.3.6.3. il-punt b flimkien ma' 6.14 tal-Anness 5 VTGGS ma tikkompromettix is-sikurezza.

Fir-rapport tiegħu, id-DNV ivvaluta r-riskju akbar fir-rigward tal-kolliżjoni, is-sewqan off-road u d-diżlokazzjoni tat-tagħbija. Id-DNV waslet għall-konklużjoni li r-riskju żdied bid-deroga, iżda identifikat iż-żewġ miżuri preventivi, jiġifieri (i) il-kontroll/it-testijiet tal-ADR fuq it-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni u (ii) l-użu ta' tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni b'qoxra doppja.

Kif iddikjarat fit-talba mil-Liechtenstein, it-tankijiet tas-siti tal-kostruzzjoni jikkonsistu f'tank intern u f'baċir tal-ġbir magħluq u li s-sikurezza mhux se tkun kompromessa. Barra minn hekk, il-Liechtenstein iddikjara li *"l-eżenzjoni mill-Kapitolu 1.1.3.6.3. il-punt b u l-kapitolu 6.14 tal-Anness 5 VTGGS mhux se tibqa' meħtieġa mill-2027 'il quddiem, peress li dawn id-dispożizzjonijiet se jiġu revokati"*.

3. **KONKLUŻJONI**

Fl-aħħar nett, l-Awtorità tqis li s-sikureżża mhijiex kompromessa bl-għoti ta' dawn id-derogi u li t-tliet talbiet għal derogi jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva. B'hekk, id-derogi li jinsabu fl-Artikoli 30, 36(2) u fil-Punt 1.1.3.6.3., l-ittra b tal-Anness 5 tal-Ordinanza jenħtieġ li jkunu awtorizzati.

Fis-17 ta' Diċembru 2021, l-Awtorità, bid-Deċiżjoni Delegata tagħha Nru 298/21/COL (id-Dokument Nru 1228844), debitament issottomettiet abbozz ta' Deċiżjoni, dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu, lill-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva. Fl-14 ta' Jannar 2022, il-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA ma ta l-ebda opinjoni dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni.

Skont l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA Nru 3/2012/SC, l-Awtorità tista' tadotta l-miżura prevista, sakemm l-att bażiku ma jipprevedix li l-abbozz ta' miżura ma jistax jiġi adottat fejn ma tingħata l-ebda opinjoni, li ma tapplikax għall-proċedura attwali, u għalhekk l-Awtorità tista' tadotta l-miżura.

L-Awtorità għalhekk tagħti deroga kif intalbet, ibbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva. Id-deroga għandha tkun valida għal sitt snin, kif previst fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva, l-Awtorità tista', f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva, iġġedded l-awtorizzazzjoni tagħha.

Il-Membru tal-Kulleġġ b'responsabbiltà speċjali għat-Trasport ingħata s-setgħa, f'isem l-Awtorità u taħt ir-responsabbiltà tagħha, li jadotta l-miżuri, jekk l-abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati jkunu skont l-opinjoni tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tliet derogi mitluba mill-Gvern tal-Liechtenstein fir-rigward tal-Artikolu 30, l-Artikolu 36(2) u l-Punt 1.1.3.6.3., l-ittra b tal-Anness 5 tal-Ordinanza tal-Liechtenstein tat-3 ta' Marzu 1998 dwar it-trasport ta' oġġetti perikoluż bit-triq huma mogħtija.

Artikolu 2

Id-derogi stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ppubblikati fit-taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu, skont il-punt 6 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE.

Artikolu 3

Id-derogazzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu validi għal perjodu ta' sitt snin.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Prinċipat tal-Liechtenstein u għandha tidħol fis-seħħ man-notifika f'dak l-Istat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun awtentika fil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2022.

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, li taġixxi taħt id-Deċiżjoni Delegata Nru 103/13/COL,

Árni Páll ÁRNASON
Membru tal-Kulleġġ Responsabbli

Melpo-Menie JOSÉPHIDÈS
Kontrofirmatarja bħala Direttur, Affarijiet Legali u Eżekuttivi